C/2025/1920

28.3.2025

**Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea**

(C/2025/1920)

Skont l-Artikolu 9(1), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

*Fil-paġna 65, fin-Nota ta' Spjegazzjoni tas-subintestaturi tan-NM "1102 20 10 u 1102 20 90 Dqiq tal-qamħirrum", l-ewwel paragrafu hu sostitwit b'dan li ġej:*

"Biex jiġi stabbilit il-kontenut tax-xaħam, irid jiġi applikat il-metodu analitiku stipulat fl-Anness III, il-parti G, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1) f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1748/85 (ĠU L 167, 27.6.1985, p. 26)."

*Fil-paġna 105, fin-Nota ta' Spjegazzjoni tal-intestatura tan-NM "2302 Nuħħala, qxura u residwi oħrajn, kemm fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, ġejjin mit-tnaqqija, mit-tħin jew minn xogħol ieħor fuq iċ-ċereali jew fuq il-pjanti leguminużi", l-aħħar paragrafu hu sostitwit b'dan li ġej:*

"Biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lamtu (fuq il-prodott kif irċevut) irid jiġi applikat il-metodu stipulat fl-Anness III, il-parti K, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1)."

*Fil-paġna 105, in-Nota ta' Spjegazzjoni tal-intestatura tan-NM "**2303 Residwi tal-manifattura tal-lamtu u residwi simili, polpa tal-pitravi, bagasse u skart ieħor tal-manifattura taz-zokkor, fermentazzjoni jew distillar ta' fond u skart, kemm jekk fil-forma ta' gerbub kif ukoll jekk le**", hija sostitwita b'dan li ġej:*

"Biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lamtu u tal-proteini, irid jiġi applikat il-metodu stipulat fl-Anness III, il-partijiet K u C, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1)."

*Fil-paġna 106, fin-Nota ta' Spjegazzjoni tas-subintestaturi tan-NM "**2303 10 11 u 2303 10 19 Residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun (ħlief likuri konċentrati mit-tixrib), b'kontenut ta' proteina, ikkalkulat fuq il-prodott xott**", ir-raba' paragrafu hu sostitwit b'dan li ġej:*

"Dawn is-subintestaturi jkopru biss il-prodotti b'kontenut tal-lamtu li ma jaqbiżx it-28 % tal-prodott niexef, skont il-piż, kif stabbilit f'konformità mal-metodu msemmi fl-Anness III, il-parti K, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1) u b'kontenut tax-xaħam li ma jaqbiżx l-4,5 % tal-prodott niexef skont il-piż, kif stabbilit f'konformità mal-metodu msemmi fl-Anness III, il-parti G, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1)."

*Fil-paġna 108, fin-Nota ta' Spjegazzjoni tal-intestatura NM "**2309 Preparazzjonijiet ta' tip użat fl-għalf tal-annimali**", it-test eżistenti tat-tieni inċiż tar-raba' paragrafu hu sostitwit bit-test li ġej:*

"Biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lamtu, irid jiġi applikat il-metodu polarimetriku (magħruf ukoll bħala l-metodu Ewers modifikat) stabbilit ftal-Anness III, il-parti K, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1).

Meta l-metodu polarimetriku ma jkunx japplika, eż. minħabba l-preżenza f'ammonti sinifikanti ta' materjali bħal dawk elenkati hawn taħt, irid jiġi applikat il-metodu analitiku enżimatiku biex jiġi stabbilit il-kontenut tal-lamtu stabbilit fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 121/2008 (ĠU L 37, 12.2.2008, p. 3). Dan il-metodu jista' jintuża wkoll għall-għalf li fih inqas minn 1 % lamtu.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj).

[2] ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

Il-materjali speċifiċi li ġejjin huma magħrufa li jikkawżaw interferenzi bl-applikazzjoni tal-metodu polarimetriku:

(a) prodotti tas-selq (taz-zokkor) bħal polpa tas-selq (taz-zokkor), melassa tas-selq (taz-zokkor), polpa melassata tas-selq (taz-zokkor), vinassa tas-selq (taz-zokkor), zokkor (tas-selq);

(b) polpa taċ-ċitru;

(c) żerriegħa tal-kittien; espellent taż-żerriegħa tal-kittien; żerriegħa tal-kittien estratta;

(d) żerriegħa tal-lift; espellent taż-żerriegħa tal-lift; żerriegħa tal-lift estratta; fosdoq taż-żerriegħa tal-lift;

(e) żerriegħa tal-ġirasol; żerriegħa tal-ġirasol estratti; żerriegħa tal-ġirasol estratta parzjalment imqaxxra;

(f) espellent tal-kopra; kopra estratta;

(g) polpa tal-patata;

(h) ħmira deidrata;

(i) prodotti rikki fl-inulina (eż. laqx u grixa tal-artiċokks);

(j) qrieqeċ;

(k) prodotti tal-fażola tas-sojja.”